MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 117/2010/1

**Avukat Dr Nicolai Vella Falzon ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta legali Fenech & Fenech Advocates**

**vs**

**Lars Christian Beitnes (Passaport Norvegiz Numru 20597671)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Jannar, 2013 fejn ġie deċiż dan li ġej:

*"Il-Qorti;*

*Rat l-avvizipprezentat fis-7 ta' April 2010 fejn ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef, mija u wiehed u tmenin Euro u hamsin centezmu (€10,181.50) oltre l-imghax legali kummercjali rapprezentanti somma dovuta lid-ditta mittenti ghall-servizzi professjonali u legali lilu rezi fis-sena 2008 in konnessjoni ma' l-interessi tieghu fil-kumpannija estera Stron Group Limited u kumpanniji ohrajn.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ukoll datat 4 ta' Marzu 2010*

*Rat ir-risposta ta' Lars Christian Beitnes ipprezentat fil-5 ta' Gunju 2010 fejn laqa' ghall- azzjoni tar-rikorrenti billi eccepixxa:-*

*1. Illi preliminarjament, l-intimat m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet rikorrenti;*

*2. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent nomine irid jipprova li d-ditta legali minnu rapprezentata effettivament ghamlet ix-xoghol li ghalih qieghda tippretendi l-hlas fis-somma mitluba fir-rikors promotur;*

*3. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premes, ir-rikors promotur gie notifikat lill-intimat bil-lingwa Maltija, liema lingwa, kif jaf ben tajjeb ir-rikorrent nomine stess, l-intimat ma jifhimx u ghalhekk l-istess intimat minkejja li qieghed jaghmel ir-risposta prezenti (u qieghed jaghmilha bla pregudizzju ghad-drittijiet kollha tieghu, inkluzi dawk naxxenti mill-Kap 189 tal-Ligijiet ta' Malta), qieghed jitlob lir-Regsitratur tal-Qorti li tkun notifikata lilu t-traduzzjoni bl-Ingliz tar-rikors promotur u dana a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 5 tal-Kap 189, salv eccezzjonijiet ulterjuri meta ssir in-notifika tat-traduzzjoni bl-Ingliz tar-rikors promotur.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Dr Nicolai Vella Falzon*** *moghtija viva voce fl-10 ta' Novembru 2010 u fl- 1 ta' Marzu 2011.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Dr Antonio Ghio*** *moghtija viva voce fl-10 ta' Novembru 2010 u fis-27 ta' Jannar 2012 in kontro ezami.*

*Rat illi fl-1 ta' Marzu 2011 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipprezenta.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Lars Christian Beitnes*** *moghtija bl-affidavit u pprezentat fid-19 ta' Settembru 2011 u in viva voce u in kontro ezami fis-27 ta' Jannar 2012, fis-16 ta' Marzu 2012 u fil-21 ta' Mejju 2012.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Dr Martin Bajada*** *moghtija viva voce fis-16 ta' Marzu 2012.*

*Rat illi fil-21 ta' Mejju 2012 l-intimat iddikjara illi ma fadallux aktar provi x'jipprezenta.*

*Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, il-partijiet ittrattaw il-kaz u l-kaz gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2012.*

***Ikkunsidrat.***

*Illi jirrizulta li f'Gunju 2008, l-intimat Lars Christian Beitnes flimkien ma persuna ohra li jismu Kiel Halforg Landsverk kienu kkuntattjaw lid-ditta legali Fenech & Fenech peress illi kien hemm kwistjoni urgenti li kienet qamet bejn it-tlett shareholders ta' grupp ta' kumpanniji bl-isem ta' Stron Group Limited, liema kwistjoni kienet bejn iz-zewg shareholders li kienu avvicinaw lid-ditta legali Fenech & Fenech, u t-tielet shareholder bl-isem ta' Claes Zangenberg.*

*Illi jirrizulta li l-kwistjoni kollha kienet tirrigwarda 'domain names' u 'host names' li kienu gew appropriati mit-tielet shareholder Claes Zangenberg minghand is-socjeta Stron Group Limited u dan kontra ir-rieda taz-zewg shareholders l-ohra, Landsverk u Beitnes.*

*Illi jirrizulta li Zangenberg kien qieghed jopera minn gewwa Malta u ghalhekk Landsverk u Beitnes ikkomunikaw mad-ditta Fenech & Fenech sabiex iwaqqfu dak li kien ghamel illegalment Zangenberg filwaqt illi jiehdu lura d-'domain names' u 'host names' kif ukoll affarijiet ohra relatati ma tali servizzi.*

*Illi jirrizulta li fl-4 ta' Awissu 2008, meta il-kwistjoni kienet gia bdiet tigi mehudha hsieb mid-ditta Fenech & Fenech, ir-rikorrent nomine kien ircieva pagament akkont ghas-servizzi taghhom ta' tmien t'elef Euro, liema pagament sar mill-kumpannija Knightsbridge Capital Limited, illi kienet kumpannija estera ta' Kiel Halford Landsverk.*

*Illi jirrizulta li fis-7 ta' Awissu 2008, waqt li kienu ilhom ghaddejjin trattattivi u azzjonijiet differenti mid-ditta Fenech & Fenech ghall interessi ta' Landsverk u Beitnes, l-istess ditta Fenech & Fenech harget 'Engagement Letter' lis-socjeta Stron Group Limited ghas-servizzi illi hija kienet qieghda tirrendi, liema ittra giet indirizzata "Attn Mr Kjiel H Landsverk'.*

*Illi jirrizulta illi fl-14 ta' Awissu 2008, Landsverk kien hallas ukoll lil Dr Martin Bajada, li kien tqabbad sabiex jipprovdi xi servizzi fil-kamp tat-Teknologija tal-Informatika relatata mal-kwistjoni.*

*Illi jirrizulta li eventwalment il-kwistjoni giet rizolta bejn it-tlett shareholders tad-ditta Stron Group Limited u fid-19 ta' Awissu 2008 id-ditta legali Fenech &*

*Fenech harget il-kont finali taghha fl-ammont ta'  tmintax-il elf mija wiehed u tmenin ewro u hamsin centezmu (€18,181.50), liema kont inhareg f'isem '**Stron Group Limited**'.*

*Illi jirrizulta li permezz ta' e-mail datata 12 ta' Settembru 2008, esebita bhala Dok NVF6, ir-rikorrent kiteb lil Landsverk, b'kopja lil Beitnes, u talbu sabiex ihallas il-bilanc tal-kont, ghal liema korrispondenza irrisponda Landsverk, b'kopja lill Beitnes, u talab 'breakdown' tas-servizzi rezi qabel ma jhallsu l-kont.*

*Illi jirrizulta li tali breakdown intbaghat fid-29 ta' Ottubru 2008 u reminder ghal tali kont intbaghat fis-6 ta' Novembru 2008.*

*Illi jirrizulta li fl-14 ta' Settembru 2009, ir-rikorrent reggha kiteb lil Landsverk b'kopja lil Beitnes u urieh id-dizappunt tieghu ghal fatt li l-pagament kien ghadu ma sarx u qallu illi ser jinbdew proceduri legali f'kaz illi l-pagament ma sarx.*

*Jirrizuta li fl-istess 14 ta' Settembru 2009, vide Dok NVF 11, Landsverk irrisponda lir-rikorrent __**biss**__ u infurmah li "On the 26th November 2008, I made an agreement with Lars, under which he received settlement for this and other issues and was supposed to pay you immediately". Huwa zied jghid illi kellu l-problemi ma' Beitnes peress illi allega li dana qarraq bih u ghalhekk kienu terminaw il-kummerc illi kellhom bejniethom. Huwa ghalhekk qal li "Since I have already paid for this once, albeit via Lars, it is going to be financially difficult for me to pay you once again".*

*Jirrizulta li l-ghada, 15 ta' Settembru 2009, ir-rikorrent irrisponda lil Landsverk u qallu "I have had a quick look at the agreement you signed with Lars but there is no mention of the fact that Lars agreed to pay existing debts including debts to Fenech & Fenech Advocates. Do you have any other agreement to attest the fact that he received settlement for this as stated by you below?".*

*Jirrizulta illi dakinhar stess, Landsverk irrisponda ghal dan u qal "Lars agreed with me to pay this, I'm sure he is willing to confirm this."*

*Jirrizulta illi sussegwentement ghal tali skambju ta' korrispondenza, r-rikorrent nomine kiteb lill-intimat u gharrfu li tali kont kien ghadu pendenti, izda ma jidhrix illi qatt kien hemm xi tip ta' risposta u ghalhekk inbdiet il-kawza odjerna.*

***Ikkunsidrat***

*Illi mill-provi prodotti, jidher illi d-ditta Fenech & Fenech kienet qablet li tipprovdi servizzi legali lis-socjeta Stron Group Limited u dana johrog car kemm mill-'Engagement letter' minnhom mahruga fis-7 ta' Awissu 2008 li tidher a fol 50 tal-process, kif ukoll mill-Invoice numru 011305 datata 19 ta' Awissu 2008, li jidher a fol 29 tal-process.*

*Illi ghalhekk jirrizulta illi r-relazzjoni legali ta' servizz kienet bejn Fenech & Fenech, bhala ditta legali, u Stron Group Limited bhala klijent.*

*Illi jirrizulta wkoll li z-zewg pagamenti illi saru waqt li kienu ghaddejjin it-trattativi u l-interventi tad-ditta Fenech & Fenech, it-tnejn saru minn Kjiel Halvor Landsverk, li kien il-persuna indikata li kien qed jidher ghal Stron Group Limited, kif jidher fl-'Engagement Letter' fuq imsemmija, kif ukoll mill-korrispondenza kollha tar-rikorrent nomine dwar il-hlas tal-kont meritu tal-kaz odjern, liema korrispondenza kienet dejjem issir ma' l-istess Landsverk.*

*Illi jirrizulta li, f' mument minnhom, Landsverk indika li kien sar ftehim bejnu u bejn l-intimat, liema ftehim kien datat 26 ta' Novembru 2008, fejn Beitnes kien assuma hu il-pagament tal-kont dovut lir-rikorrent nomine. Illi tali ftehim, ghalkemm mhux pprezentat quddiem dina l-Qorti, intbaghat lir-rikorrent nomine, u kien ir-rikorrent nomine stess illi irrimarka li fil-ftehim ma kien hemm xejn jindika dak allegat minn Landsverk - "There is no mention of the fact that Lars agreed to pay existing debts including debts to Fenech & Fenech Advocates.".*

*Illi, minn naha l-ohra, Beitnes fix-xhieda tieghu jinsisti illi Landsverk kien accetta illi huwa jhallas il-kont kollu ghas-servizz tar-rikorrent nomine peress illi kellu jhallas flejjes lis-socjeta Stron Group Limited u ghalhekk kien assuma li jhallas tali flejjes biex inaqqas mil-bilanc minnu dovut. Beitnes jikkorrobora tali argument billi jirreferi ghaz-zewg pagamenti illi kienu attwalment gia saru, liema pagamenti kienu lkoll saru minn Landsverk stess.*

***Ikkunsidrat***

*Illi fil-kaz odjern, il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent nomine dahal fi ftehim sabiex jipprovdi servizzi lill-kumpannija Stron Group Limited, filwaqt illi l-pagamenti ghal tali servizzi ma kienx qieghed isir mill-kumpannija inniffisha, izda minn shareholders ta' l-istess kumpannija, aktar precizament minn Kjiel Halvor Landsverk.*

*Illi il-Qorti hija wkoll rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn, ghalkemm ma hemm ebda tip ta' skrittura u jew prova ta' assunzjoni tad-dejn ossija pagamenti dovuti minn Stron Group Limited, ir-rikorrent nomine qieghed jippretendi hlas*

*minghand l-intimat abbazi ta' informazzjoni illi kien ghaddielhom il-persuna li minghandu kienu qed jitolbu l-pagament, ossija Kjiel Halvor Landsverk.*

*Illi madanakollu, l-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-kwistjoni li ghaliha r-rikorrent nomine kienet tqabbdet taghmel ix-xoghol kien a beneficcju taz-zewg shareholders tas-socjeta Stron Group Limited li hassew li d-drittijiet taghhom kienu gew vjolati, ossija Kjiel Halvor Landsverk u l-intimat Lars Christian Beitnes kif ukoll hija konxja tal-fatt illi l-pagamenti kollha illi kienu saru lilha sa qabel il-ftuh tal-kawza odjerna kienu lkoll saru minn Landsverk.*

*Illi ghalhekk, huwa verosimili dak illi kien qieghed jallega Landsverk fil-konversazzjoni tieghu mar-rikorrent nomine illi l-pagament li kien ghad fadal kellu jsir mill-intimat Beitnes peress illi ma jidhrix illi kien ghadu sar xi pagament minn naha tieghu ghas-servizzi illi kienu qed jigu resi lilu u lil Landsverk flimkien.*

*Illi l-Qorti gia innutat illi l-allegat ftehim tas-26 ta' Novembru 2008 ma giex lilha pprezentat, u kien jinkombi fuq l-intimat illi jipprezenta tali ftehim sabiex jesimi ruhu mir-responsabbilta' tal-hlas peress illi, mil-fatti kif fuq spjegati, jirrizulta fuq bazi ta' probabbilita' illi l-intimat Beitnes kellu jhallas lis-socjeta rikorrenti ghas-servizzi resi minnhom lilu u lil Landsverk ghall-kwistjoni illi huma kellhom mat-tielet shareholder li flimkien mieghu kellhom il-kumpannija bl-isem Stron Group Limited.*

*Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti tikkonkludi illi l-intimat huwa l-legittimu kontradittur u  huwa responsabbli ghall-hlas rikjest mir-rikorrent nomine.*

*Filwaqt li dwar is-servizzi resi mir-rikorrent nomine, id-dokument NVB8 juri bid-dettal x'kienu s-servizzi resi b'mod illi l-eccezzjoni tal-prova tax-xoghol li sar gie superflwu, il-Qorti fadallha l-ahhar eccezzjoni ta' l-intimat, ossija illi l-proceduri odjerni gew notifikati lilu bil-lingwa Maltija mentri huwa ma jifhimx bil-Malti.*

*Il-Qorti tinnota, l-ewwel u qabel kollox, illi l-intimat, ghalkemm ma jifhimx bil-lingwa Maltija, xorta wahda ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu bil-lingwa Maltija b'mod illi l-Qorti hija konvinta li l-intimat attwalment fehem il-portata tat-talbiet illi kien qed isirlu u kien f'pusizzjoni illi jiddeffendi lilu nniffsu kif trid il-Ligi u, del resto, kif trid tassikura l-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (uzu tal-ilsien ingliz) - Kap 189.*

*Apparti minn hekk, il-Qorti tinnota wkoll illi, ghalkemm saret referenza ghaliha fl-eccezzjonijiet ta' l-istess intimat, ma jidher illi saret ebda talba lir-Registratur tal-Qorti li biha huwa gie notifikat fejn huwa intalab sabiex jaghmel*

*tali traduzzjoni. In fatti, skond l-atti tal-process, ma jidhirx illi l-ahhar eccezzjoni giet b'xi mod notifikata lir-Registratur tal-Qorti u ghalhekk ma jistax jigi konkluz illi r-Registratur tal-Qorti kien a korrent ta' tali talba.*

*Madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll illi tali formalitajiet, ghandhom jigu kkunsidrati minn dina l-Qorti fil-kuntest tal-kaz kollu, u peress illi jirrizulta ben car li l-intimat kien ben konxju tat-talbiet kollha illi kienu qed isirlu u kien f'pusizzjoni illi jiddefendi lilu nnifsu tant illi ghamel l-eccezzjonijiet relattivi, il-Qorti mhix ser tiehu aktar konjizzjoni ta' dina l-eccezzjoni.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti, semghet ix-xhieda u rat id-dokumentazzjoni kollha.*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi*

*Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u ghalhekk*

*Tilqa' t-talba attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenut Lars Christian Beitnes ihallas lir-rikorrent nomine is-somma ta' ghaxar t'elef, mija u wiehed u tmenin Euro u hamsin centezmu (€10,181.50).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ukoll datat 4 ta' Marzu 2010 u bl-imghax legali kummercjali fuq l-ammont dovut mill-4 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament effettiv".*

Illi l-intimat Lars Christian Beitnes hassu aggravat minn dina d-decizjoni u ghalhekk interpona dana l-appell fejn ressaq is-segwenti aggravji:

(i) L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-fatti mressqa quddiemha, liema provi u fatti, fl-umli fehma ta' l-appellant kellhom iwasslu ghall-konkluzjoni opposta li fil-fatt wasslet ghaliha l-istess Onorabbli Qorti, u cioe' illi l-appellanti ma kienx il-legittimu kontradittur tal-pretensjonijiet rikorrenti.

(ii) L-Ewwel Onorabbli Qorti applikat hazin jew ma applikatx il-principju legali *contra scriptum non scriptum testimonium non fertur*, u li kieku kellu jigi applikat dan il-principju ghall-fatti accertati minnha, l-

> Ewwel Onorabbli Qorti kienet tasal ghall-konkluzjoni opposta li fil-fatt waslet ghaliha, u cioe' illi l-appellanti ma kienx il-legittimu kontradittur tal-pretensjonijiet rikorrenti.

Illi l-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-

F'Gunju 2008, l-appellanti Lars Christian Beitnes u Kjell Halvor Landsverk fittxew is-servizzi legali tad-ditta appellata Fenech & Fenech, minħabba kwistjoni dwar *'domain names'* u *'host names'*, li huma t-tnejn kellhom ma' Claes Zangenberg. Dawn it-tlieta flimkien kienu *shareholders* ta' grupp ta' kumpanniji bl-isem ta' Stron Group Limited. Id-ditta legali Fenech & Fenech ġiet ikkuntatjata stante illi Zangenberg kien jopera minn Malta.

Illi d-ditta Fenech & Fenech harget *'Engagement Letter'* lis-socjeta Stron Group Limited ghas-servizzi legali tagħha. Din l-ittra giet indirizzata "Attn Mr Kjell H Landsverk'. Mill-atti johrog illi l-azzjonisti ta' dan il-grupp huma tlett socjetajiet kummercjali bl-isem ta' TransGuardian Group Ltd (kumpanija ikkontrollata minn Kjell Halvor Landsverk), The White November Fund Limited (fejn wiehed mid-diretturi huwa l-intimat appellanti) u First International Direct Limited, ikkontrollata minn Claes Zangenberg li mieghu inqala' d-disgwid li wassal sabiex jigu ingaggati is-servizzi tad-ditta appellata.

Illi jirrizulta illi fl-4 ta' Awissu 2008, id-ditta Fenech & Fenech irċeviet pagament akkont fl-ammont ta' tmint'elef Euro, mill-kumpannija Knightsbridge Capital Limited, illi kienet kumpannija ikkontrollata minn Kjell Halvor Landsverk. Sussegwentament fid-19 ta' Awissu 2008, id-ditta legali Fenech & Fenech harget il-kont finali fl-ammont ta' tmintax-il elf mija wiehed u tmenin ewro u hamsin centezmu (€18,181.50), f'isem 'Stron Group Limited' li minnhom naqqset il-pagament akkont li kien thallas biex b'hekk fadal il-bilanc reklamat permezz tal-presenti istanza. Stante illi ma irċeviet ebda ħlas, inbdew il-proċeduri legali quddiem l-Ewwel Qorti, stranament kontra l-appellanti wahdu. Il-Qorti qed tirrileva dan billi mill-atti probatorji jirrizultaw is-segwenti punti ta' riljev u dan b'mod specjali mid-dokumenti esebiti:

1. Illi l-ftehim ta' ingagg ghas-servizzi li kellha tipprovdi is-socjeta appellata gie milhuq ma' socjeta kummercjali bl-isem ta' Stron Group Ltd.

2. L-*invoices* li inharrgu in segwitu ghal dan il-ftehim kienu ukoll indirizzati lejn l-istess socjeta.

3. Illi l-intimat appellanti u Kjell Landsverk ingaggaw is-servizzi tad-ditta appellata u dana fl-interessi ta' Stron Group u mhux ghall-interessi

taghhom personali billi kien hemm suspett illi wiehed mill-azzjonisti tal-kumpanija kien qieghed jahdem kontra l-interessi tas-socjeta.

4. Illi l-pagament li sar minn terz ta' parti mill-kont mahrug mir-rikorrenti *nomine* sar minn socjeta kummercjali ohra bl-isem ta' Knightsbridge Capital Limited u mhux minn Landsverk ghalkemm jidher illi dina l-kumpanija kienet immexxija minnu.

5. Ghalkemm jissemma xi ftehim li sar internament bejn dawn iz-zewg azzjonisti illi id-dejn fil-konfront tad-ditta appellata kellu jassumieh l-intimat, madanakollu dan qatt ma gie esebiet. Di piu' jidher mill-atti illi r-rikorrenti *nomine* kellu okkazzjoni jara dana il-ftehim tant illi gibed l-attenzjoni ta' Landsverk illi dak li kien qed jallega u cioe' l-assunzjoni tad-dejn mill-intimat appellanti ma tirrizulta minn imkien minn dana l-ftehim.

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi r-rikorrenti *nomine* naqas meta ha d-decizjoni li ma kienet ibbazata fuq l-ebda prova dokumentali, izda fuq il-kelma ta' persuna wahda li x'aktarx ukoll kien qed jipprova jahrab mid-dmir tieghu illi ihallas ghas-servizzi resi billi jitfa' dana il-piz fuq l-azzjonista l-iehor, li mat-trapass taz-zmien jidher ukoll illi qam disgwid bejniethom.

Illi ghalhekk din il-Qorti tara illi l-ewwel aggravvju ta'l-appellanti huwa wiehed ben fondat billi l-legittimu kuntradittur f'dana il-kaz kellha tkun is-socjeta Stron Group Limited li ghaliha kienet qed issir l-investigazzjoni bl-assistenza tas-servizzi tad-ditta appellata u mhux fl-interessi personali ta'l-azzjonisti taghha. Biex isahhah dan l-argument, sahanistra Dr. Martin Bajjada, li kien ukoll gie ingaggat mill-klijent bhala espert fit-tekonologija u l-informatika, isostni fix-xhieda tieghu illi huwa gie ingaggat mis-socjeta Stron Group Limited. Dak li jishaq ghalhekk, ir-rikorrenti appellat fir-risposta tieghu illi l-vertenza kienet tikkoncerna tilwima bejn l-azzjonisti dwar l-invovliment taghhom f'dana il-Grupp kummercjali ma ghandha l-ebda bazi legali. Huwa minnu illi l-beneficjarji ahharija ta' kwalunkwe socjeta kummercjali huma l-azzjonisti taghha, madanakollu huwa principju legali rassodat illi socjeta kummercjali ghandha personalita' guridika u hajja indipendenti mill-azzjonisti taghha li huma rapprezentanti mid-diretturi ta'l-istess socjeta li ghandhom bhala parti mid-dmir taghhom illi iharsu l-interessi tas-socjeta u ta'l-azzjonisti taghha.

Illi l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi Beitnes huwa il-leġittimu kontradittur kif ukoll illi l-ħlas kien fil-fatt dovut minn Beitnes peress illi huwa kien għadu ma għamel ebda pagament għas-servizzi reżi lilu u peress illi l-uniku pagament li kien sar gie effettwat mis-soċju l-ieħor, Landsverk. Illi bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti, dana huwa ragunament li ma isib l-ebda konfort fl-atti probatorji billi l-pagament li sar gie effetwat minn socjeta kummercjali u mhux minn Kjell Landsverk u di piu' ma hemm l-ebda prova in atti li issostni l-argument li s-servizz kien qed jigi rez ghaz-zewg azzjonisti, l-intimat u Landsverk, billi l-azzjonisti tas-socjeta Stron Group huma tlett socjetajiet kummercjali u mhux l-intimat u Landsverk f'isimhom personali. Kwindi dak konkluz mill-Ewwel Qorti illi l-intimat appellanti kien ghadu ma effettwa l-ebda pagament ghas-servizzi rezi mid-ditta appellata huwa erronju billi ma hemmx provi li jindikaw illi l-pagament kien dovut mill-intimat f'ismu personali ghal servizz rez favur socjeta kummercjali u lanqas ma hemm prova illi d-dejn kien assumieh hu f'ismu personali ghajr ghal dak li ighid Landsverk.

"**Ghalkemm il-figura ta' assunzjoni ta' debitu tista' tirrizulta verbalment, iridu jirrizultaw provi cari u konklussivi qabel ma jista' jigi deciz li persuna assumiet dejn ta' xi hadd iehor u, f'din il-materja, il-gurisprudenza hi konkordi li pagament akkont ta' dejn ta' haddiehor ma jfissirx li min ghamel il-hlas assuma l-obbligu li jhallas id- dejn kollu ta' dik it-terza persuna (ara , per ezempju, il- kawza Attard Co. Ltd. v. MA Supermarkets Ltd. et. deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 2003, u l-gurisprudenza kopjuza li ghaliha hemm riferenza f'dik is-sentenza; il-kawza Camilleri v. Muscat, deciza wkoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru, 2006; il-kawza J & C Pisani Ltd. Finrac Ltd., deciza minn din il- Qorti fit-30 ta' Gunju, 2004, fejn intqal li pagament minn terz "qatt ma jista' johloq relazzjoni gdida bejnu u l-kreditur meta din ir-relazzjoni qatt ma kienet tezisti"; u l-kawza Bonnici v. Pirrone, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 2006). – Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited App.Sup 3/12/2010.**

Jinghad ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Bartolo vs Vigo" deciza fis-7 ta' Gunju, 1929, (Vol. XXVII.1.817) "***l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura giuridica diversa dalla fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazione del debitor."***

Dan il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero', tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti. Dan il-principju legali huwa ben

affermat fil-gurisprudenza taghna u kwindi allegazzjoni maghmula minn min ghandu interess illi jevita il-hlas ma tistax tittiehed bhala prova cara u konkludenti u li wiehed jista' jistrieh fuqha billi din hija "*unsatisfactory*" fil-valur probatorju taghha. Fl-aghar ipotezi ghalhekk, gialdarba kien irrizultalha lid-ditta appellata, kif mistqarr mir-rikorrenti *nomine* stess, illi ma kien hemm xejn fil-ftehim milhuq bejn il-partijiet illi l-intimat kien qed jassumi id-dejn mertu ta' dawn il-proceduri, l-azzjoni kellha tigi intavolata kontra iz-zewg azzjonisti billi semmai huma kienu ikunu responsabbli *in solidum* ghal-kreditu li qed jigi reklamat permezz tal-presenti istanza. Izda din il-Qorti hija tal-fehma li lanqas dan ma kien ikun bizzejjed ghad-ditta appellata sabiex issalva l-azzjoni odjerna billi lanqas f'dan ir-rigward l-atti probatorji ma jaghtuha ragun u dan ghaliex, kif inghad, mid-dokumenti u inkartament esebiet jidher illi l-klijent taghha kienet is-socjeta Stron Group Limited u li l-azzjonisti ta' dan il-grupp ma kenux l-individwi li maghhom saru it-trattativi, izda socjetajiet kummercjali ohra. Ir-rikorrenti *nomine* bhala bniedem legali messu dan induna bih minnufih u fl-aghar ipotezi messha intallbet is-sejha fil-kawza tal-kumpanija u l-azzjonisti taghha sabiex jigu salvati l-atti. Dana ma ghamlux u kwindi din il-Qorti ma tistax hlief tilqa' l-aggravju interpost mill-appellanti. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruhha biex tezamina it-tieni aggravvju.

Ghladaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, is-sentenza appellata qed tigi revokata. Tghaddi sabiex tiddikjara illi l-intimat appellanti ma huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandu ibatiehom ir-rikorrenti *nomine* appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------